

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 37

**Mill-Ktieb:**
**Is-Sigriet tar-Rużarju**
**San Alwiġi Grignon de Montfort jispjegalna dwar il-Qawwa tar-Rużarju**

Jien li qed nikteb dan, tgħallimt mill-esperjenza tiegħi li r-Rużarju għandu s-setgħa li jikkonverti wkoll qlub mill-aktar iebsin. Naf nies li marru l-missjonijiet u semgħu priedki fuq l-aktar temi tal-biża' bla ma biss tqanqlu, u frattant, fuq il-parir tiegħi, bdew jirreċitaw ir-Rużarju kuljum u spiċċaw biex ikkonvertew u naghtaw kollhom kemm huma ghal Alla. Meta rritornajt lura lejn il-parroċċi fejn kont tajt il-missjonijiet, rajt differenzi tremendi bejniethom; f'dawk il-parroċċi fejn kienu ħallew għal kollox ir-Rużarju, reġgħu daru lura għall-ħajja tad-dnub, u fejn ir-Rużarju baqa' jingħad b'fedeltà, sibt li n-nies kienu ppereseveraw fil-grazzja ta' Alla u mexjin 'il quddiem fil-virtù jum wara jum.

**Albino Luciani**

**IL-PAPA ĠWANNI PAWLU I**
**Il-Papa tat-33 ġurnata**
**26 t'Awwissu – 28 ta' Settembru 1978**

## Mill- Omelija Tiegħu tas-7 t'Ottubru, 1973 bit-tema: Ir-Rużarju Tiegħi.

Ir-Rużarju huwa talba li ftaqret? Xi tkun mela Talba Għanja? Ir-Rużarju hija proċessjoni ta' 'Missierna', it-talba li għallimna Ġesù, ta' 'Ave Maria', it-tislima ta' Alla lill-Verġni permezz tal-Anġlu; ta' 'Gloria', it-tifħira lit-Trinità Qaddisa !

Il-kriżi tar-Rużarju ma tiġix fl-ewwel post. Dak li jiġi fl-ewwel post hija l-kriżi tat-talb in ġenerali llum. In-nies tant huma mehdijin f'interessi materjali, li qajla jaħsbu fir-ruħ, fil-ħajja interjuri u biex jitħaddtu ma' Alla huma għajjenin wisq biex isibu ftit minuti.
X'ħasra!

**Ir-Rużarju huwa talba sempliċi u ħafifa, tgħinni nerġa' nsir tifel, u ta' dan assulutament m'għandix minn xhiex nistħi.**



**Ir-Rużarju, wkoll jekk imqassar u addattat, meta rreċitat fil-għaxija flimkien mal-ġenituri bit-tfal, isir għamla ta' liturġija tal-familja.**